MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 394/2009/1

**Avviz Numru: 394/2009/SM fl-ismijiet:-**

**F. Advertising Limited (C27689)**

**vs**

**Tano Farrugia u martu Fiona Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fis-6 ta' Lulju 2010 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat ir-rikors fuq indikat datat id-19 t'Ottubru, 2009, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sejhet lill-imsemmija intimati quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:*

*1. Illi jhallsu s-somma ta' hamest elef, tliet mija u disgha u hamsin ewro, (€5,359.00), rapprezentanti ammont minnhom dovut ai termini ta' skrittura privata iffirmata minnhom datata d-29 t'Ottubru, 2007.*

*2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' Lulju, 2009; tal-mandat ta' sekwestru numru 2818/09, u bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra legali kontra taghhom.*

*3. Bl-intimati ngunti ghas-subizzjoni.*

*Semghet ix-xhieda prodotta.*

*Ezaminat id-dokumenti esebiti.*

*Tirrileva li ghalkemm debitament ingunti, l-intimati ghazlu li qatt ma jipprezentaw ruhhom ghal din il-procedura u lanqas jindenjaw ruhhom jintavolaw risposta skritta ghad-difiza taghhom.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi issa qegheda f'posizzjoni tikkonkludi l-vertenza odjerna billi sintetikament tesponi l-fatti ta' din il-procedura bil-mod segwenti:*

*1. Illi t-talba principali tas-socjeta` rikorrenti hi naxxenti minn skrittura privata liberament iffirmata mill-intimati u minn rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fid-29 t'Ottubru 2007.*

*2. Illi in sintesi, gie miftiehem is-segwenti:*

*i. Illi l-intimati ddecidew li joffru l-proprjeta` taghhom "Paxale Flats", Flat numru 2, Triq tal-Ghariebel, Msida, ghall-prezz ta' mija u wiehed u hamsin elf, erba' mija u disa' ewro u sebgha u ghoxrin centezmu, (€151,409.27).*

*ii. Illi s-socjeta` rikorrenti intrabtet li tezegwixxi s-segwenti:*

*a. Illi tippubblika d-dettalji kollha tal-proprjeta` in dizamina fir-rivista taghhom "Owners Best".*

*b. Illi din il-pubblikazzjoni kellha ssir f'mhux anqas minn sitt (6) hargiet alternattivi.*

*c. Illi l-pubblikazzjoni kellha tinkludi:*

*1. deskrizzjoni tal-proprjeta` kif indikata mis-sid.*

*2. il-prezz minnhom mitlub.*

*3. ritratt tal-proprjeta`.*

*4. id-dettalji tal-proprjetarji – l-intimati odjerni.*

*d. Illi l-ewwel pubblikazzjoni kellha tidher fil-harga ta' Novembru tal-2007.*

*e. Illi reklam iehor tal-istess proprjeta` kellu jidher b'mod elettroniku fuq il-website tas-socjeta` rikorrenti bil-mod indikat fl-istess skrittura fuq riferita.*

*f. Illi in oltre, l-istess socjeta` rikorrenti intrabtet li turi l-istess fond in dizamina fuq kwalsiasi stazzjon televiziv lokali, u kellha wkoll tinkludi l-istess dettalji.*

*iii. Illi tenut kont tas-suespost l-intimati intrabtu li jhallsu s-somma ta' hamest elef, tliet mija u disgha u hamsin ewro u disgha u tmenin centezmu, (€5,359.89), lis-socjeta` rikorrenti.*

*iv. Illi l-imsemmija somma kellha tithallas fi zmien mhux aktar tard minn sitt (6) gimghat mill-ftehim tal-konvenju u dan, irrispettivament mis-servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti sa dak iz-zmien, kemm-il-darba l-konvenju jigi ezegwit f'perjodu ta' sentejn (2) mid-data tal-imsemmija skrittura.*

*v. Illi dawn l-obbligi jibqghu in vigore anke jekk it-trasferiment tal-proprjeta` de quo ma jsirx permezz ta' kuntratt ta' bejgh, izda mod iehor.*

*vi. Illi l-istess intimati intrabtu wkoll li jinfurmaw lis-socjeta` rikorrenti fi zmien ragonevoli bid-data, hin u lok fejn kellu jigi effettwat il-konvenju, u fin-nuqqas, l-intimati jkunu responsabbli ghall-penali ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€11,646.87).*

*vii. Illi in oltre, kemm-il-darba l-intimati jibqghu ma jhallsux lis-socjeta` rikorrenti l-ammonti hekk dovuti skont il-ftehim, u jibqghu hekk inadempjenti ghall-perjodu ta' gimaghtejn minn meta jigu mitluba jeffettwaw il-pagament minnhom dovut, l-istess intimati jigu akkreditati debituri tas-socjeta` rikorrenti f'ammont ulterjuri ta' hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€11,646.87).*

*3. Illi permezz tal-avukat taghha, is-socjeta` rikorrenti kitbet lill-intimati diversi drabi titlobhom biex ihallsu l-pagamenti minnhom dovuti, izda gew injorati.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghalkemm jirrizulta abbundantement assodat li l-intimati*
*injoraw ghal kollox din il-procedura billi la pprezentaw risposta fit-termini legali postulati u lanqas indenjaw jiskomodaw ruhom ghal din il-procedura, jirrizulta wkoll abbundantement assodat li l-azzjoni mehuda mis-socjeta` rikorrenti hi superficjali u fl-ahjar ipotesi, approssimattiva.*

*Illi mill-analisi tal-fatti kif esposti fl-atti jirrizulta s-segwenti:*

*1. Illi gie pprezentat in atti kopja tal-iskrittura in dizamina fuq deskritta.*

*2. Illi saru diversi intimazzjonijiet biex l-intimati jhallsu l-ammont pretiz mis-socjeta` rikorrenti.*

*3. Illi aktar minn hekk ma gie prodott xejn.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi biex is-socjeta` rikorrenti tissodisfa l-elementi ta' prova skont il-ligi hi tenuta taghmel ferm aktar stante li dak minnha pretiz jiddependi mill-istess elementi li hi stess imponiet fl-iskrittura taghha, li ghandu wkoll jinghad li hi pjuttost sbilancjata favur taghha u kontra l-klijenti li ma jinghataw l-ebda possibbilta` jinnegozjaw termini aktar favorevoli.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi biex is-socjeta` rikorrenti jkollha l-possibbilta` ta' success fit-talba taghha kellha ghall-anqas tittenta li tipproduci provi fir-rigward tas-segwenti:*

*i. Illi effettwat xi pubblikazzjonijiet skont il-kundizzjonijiet pattwiti.*

*ii. Illi turi lill-qorti x'deskrizzjoni tal-proprjeta` ippubblikat.*

*iii. Illi turi wkoll lill-qorti x'ritratt ippubblikat; il-prezz li esponiet u xi dettalji ohra indikat fl-istess pubblikazzjoni.*

*iv. Illi in oltre kellha tal-anqas tonora lil din il-qorti bil-fatt li tindika skont il-ligi f'liema data effettwat l-ewwel pubblikazzjoni fir-rigward.*

*v. Illi ovvjament jirrizultaw lakuni ohra li f'dan l-istadju lanqas hemm ghalfejn jigu elenkati b'aktar precizjoni.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi ghalkemm hu minnu li dawn il-proceduri huma ta' natura sommarja u jimmilitaw favur l-eliminazzjoni ta' proceduri dilungattivi, pero` jibqa' l-fatt li jrid jigi sodisfatt l-element logiku ta' kawza u effett fejn f'din il-procedura s-socjeta` rikorrenti tidher li naqset ghal kollox li tissodisfah.*

*Ghaldaqstant ma' tqisx li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement tirrespingi t-talbiet kollha taghha, bl-ispejjez.*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta`attrici datat 8 ta' Lulju 2010 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talba tas-socjeta' appellanti kif dedotta fl-avviz promotur fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 2011.

Rat ir-risposta tal-appellata Fiona Farrugia f'isimha propjru u ghan-nom ta' zewgha Gaetano *sive* Tano Farrugia datata 26 ta' Jannar 2011 a fol 18 tal-process fejn sostniet ghar-ragunijiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2011 meta ssejjah l-appell deher Dr. Tonio Cachia ghall-appellati u Dr. Raphael Fenech Adami ghas-socjeta` appellanti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-30 ta' Novembru 2011, u fl-istess sentenza l-Qorti rriservat li tipprovdi dwar l-isfilz o meno tar-risposta tal-appellat.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 6 ta' Lulju 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-ewwel punt li ser jigi deciz f'din is-sentenza huwa jekk ghandhiex tigi sfilzata r-risposta tal-appell tal-appellati peress li quddiem l-Ewwel Qorti kienu baqghu kontumaci,

u din il-Qorti thoss li dan ma huwiex il-kaz, ghaliex fl-appell ma hemmx kontumacja.

Illi pero' dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni ta' dak kollu li hemm fl-istess risposta, izda biss dawk is-sottomissjonijiet abbazi tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti fuq dak effettivament deciz mill-ewwel Qorti. F'dan il-kaz jidher li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet ibbazata fuq evalwazzjoni tal-provi u l-istess Qorti kkonkludiet li dak allegat mis-socjeta' attrici ma giex ippruvat u b'hekk jirrizulta li dak li d-decizjoni sostniet kien fis-sens li s-socjeta' attrici ma rnexxilhiex tissodisfa l-oneru ta' prova impost fuqha u dan ghaliex lanqas gabet il-prova li ghamlet dak li hija ntrabtet li taghmel fil-ftehim minnha citat mal-konvenuti u dan relattivament ghall-pubblikazzjonijiet skond il-kondizzjonijiet pattwiti. Illi hija fuq dan biss li allura l-appellati jistghu jikkumentaw, u fuq il-provi li ngabru mill-Ewwel Qorti u fuq xejn izjed.

Illi dan qed jinghad ghaliex apparti l-fatt li l-kontumacja ma hijiex ammissjoni izda opposizzjoni, b'dan allura li l-attur xorta wahda ghandu l-oneru li jipprova dak minnu allegat sal-grad rikjest mill-ligi, minn naha l-ohra din il-Qorti hija Qorti tat-Tieni Istanza, u allura x-xoghol taghha hija li taghmel tirrevedi l-gudizzju li ghamlet l-ewwel Qorti, (hlief ghall-eccezzjonijiet provduti mil-ligi li mhux il-kaz odjern), u mhux li tittratta punti ohra li ma kienux qamu quddiem l-Ewwel Qorti. Mela allura din il-Qorti ser tezamina dan l-appell biss fl-optika ta' dan l-insenjament, u ghalhekk fuq il-bazi jekk is-socjeta' attrici ssodisfatx l-oneru ta' prova minnha mpost mil-ligi li tipprova dak li hija allegat fil-grad tal-prova rikjest mill-ligi.

Illi t-tip ta' prova li jrid iressaq l-attur huma skond il-gurisprudenza konstabti li:-

a. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-

fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* **(Vol. XLVI.i.5).**

b. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' **(Vol. XXXVII.i.577).**

c. Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-**artikolu 218 tal-Kap. 12** li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni (**"Joseph Tonna vs Philip Azzopardi"** – A.I.C. (PS) - 12 t'April, 2007; **"Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** – A.C. - 30 ta' Gunju 1912 (Vol. XXIV/i/104).

Illi l-appell odjern huwa li sar apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Qorti u dan peress li effettivament gie ppruvat dak allegat mis-socjeta' attrici u dan billi giet esebita l-iskrittura privata in kwistjoni li tat lok ghal dawn il-proceduri u wkoll xehed Vincent Baldacchino li wkoll ikkonferma l-istess ftehim u li l-ammont huwa dovut u li

dan l-Ewwel Qorti ma tatx kazu tant li din ix-xhieda ma ssemmiet imkien, u dan huwa iktar sinifikanti skond l-appellant meta l-appellati naqsu li jikkontestaw il-kawza.
Illi fl-ewwel lok kif inghad fis-sentenza **"Joseph Duca vs John Falzon"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Ottubru 2011) meta l-appell huwa fuq apprezzament ta' fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti japplika dak ritenut fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) li:-
"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi issa mill-atti processwali jirrizulta li l-unika provi li ngabu kienu l-ftehim datat 27 ta' Ottubru 2007 (Dok. "VB 1" – fol. 10) u x-xhieda ta' Vincent Baldacchino bhala direttur tal-istess socjeta' attrici biss li huwa qatt ma rcieva l-ebda risposta minghand l-intimati minkejja li hija kitbitilhom anke permezz tal-avukat taghhom, izda provi ohra ma kienx hemm, provi li jindikaw li (a) saru l-pubblikazzjonijiet li l-istess socjeta' attrici kellha taghmel skond il-ftehim; (b) id-deskrizzjoni tal-proprjeta' ippubblikata u li allura din kienet il-proprjeta' mertu tal-istess ftehim; (c) li jigi ppruvat ir-ritratt pubblikat, il-prezz li uriet, u dettalji ohra tal-istess pubblikazzjonijiet; (d) tindika d-data meta saret almenu l-ewwel pubblikazzjoni; (e) li l-

proprjeta' imsemmija giet effettivament trasferita kif hemm indikat fil-ftehim u provi ohra sabiex jissostanzjaw l-azzjoni attrici fil-grad tal-prova rikjest mill-ligi.

Illi dan ovvjament ma sarx, u dan ghaliex kull ma sar quddiem l-ewwel Qorti kien biss li giet esebita l-istess skrittura mir-rapprezentant tas-socjeta' attrici fl-24 ta' Frar 2010 u fejn l-imsemmi Vincent Baldacchino kull ma ghamel kien biss li kkonferma l-istess u qal li interpella lill-intimati/appellati anke permezz ta' ittra legali, izda xejn izjed, u f'dan is-sens ma jistax allura jinghad, kif qed tghid is-socjeta' appellanti li x-xhieda ta' Vincent Baldacchino ma saritx riferenza ghaliha, ghaliex la darba kien proprju huwa li esebixxa l-istess ftehim, u kien huwa li qal li l-intimati gew interpellati, mela allura ma hemmx dubju li la darba huwa fil-fatt kien l-unika xhud, meta l-Ewwel Qorti qalet li kull ma irrizulta mill-atti kien biss *"1. Illi giet ipprezentata in atti kopja tal-iskrittura in dezamina fuq deskritta; 2. Illi saru diversi intimazzjonijiet biex l-intimati jhallsu l-ammont pretiz mis-socjeta' rikorrenti; 3. Illi aktar minn hekk ma gie prodott xejn",* certament li kienet qed tirreferi wkoll (jekk mhux fuq kollox) ghax-xhieda tal-istess.

Illi fid-dawl ta' dak kontenut fl-istess ftehim, u fuq il-provi li kienu necessarji li jsiru sabiex jigi ppruvat li s-socjeta' attrici kienet ghamlet il-pubblikazzjonijiet li hija kellha taghmel skond l-istess ftehim, u li sehhu avvenimenti li kien jintitolaha li tithallas is-somma pattwita skond l-istess ftehim, kollox kif sintetizzati f'paragrafi enumerati 1 sa 2 (fol. 2 sa fol. 4 tas-sentenza hawn appellata), dan ma sar xejn u allura d-decizjoni tal-Ewwel Qorti kienet korretta fis-sens li s-socjeta' attrici ma ppruvatx dak allegat minnha sabiex b'hekk tirnexxi l-azzjoni attrici, u dan anke fid-dawl li t-talba attrici kif imposta hija wkoll superficjali, ghaliex dak li ried jigi ppruvat mhux biss l-ammont indikat fl-iskrittura, izda li effettivament li dak kontenut fl-istess skrittura sehh, u dan billi jigu ppruvati l-prestazzjonijiet tas-socjeta' attrici, u wkoll li sehh it-trasferiment hemm imsemmi li jiskatta d-dritt tas-socjeta' attrici li tippretendi tali hlas, u tali prova assolutament ma saritx. Mela fuq din il-bazi l-appell qed  jigi michud ghaliex l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi quddiemha sar fid-dawl

tar-rizultanzi processwali, u din il-Qorti thoss li ma huwiex il-kaz li tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti tal-provi quddiemha, u dan peress li hija setghet tasal ghalih; dan apparti li din il-Qorti thoss li l-apprezzament li ghamlet l-Ewwel Qorti kien korrett kemm fuq il-punti ta' fatt u tad-dritt.

Illi ovvjament invista ta' dak li inghad iktar il-fuq dwar ir-risposta tal-appell din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-lanjanzi tal-appellati dwar il-kontenut tal-istess skittura fid-dawl tal-providementi tal-**artikolu 44 sa 47C tal-Kap. 378** u fis-sentenza **"F. Advertising Limited vs Anthony Tabone et"** (A.I.C. (PS) – 9 ta' Jannar 2009; QM – 4 t'Ottubru 2010 appellata) u dan ghaliex l-appellati kontumaci fl-ewwel istanza ma jistghux f'dan l-istadju iqajmu tali eccezzjoni, li ovvjament ma tqajjmitx fl-ewwel istanza.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellati datata 26 ta' Jannar 2011 biss in kwantu l-istess hija konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti F. Advertising Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 8 ta' Lulju 2010 ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u ghalhekk tikkonferma d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi "F. Advertising Limited vs Tano Farrugia et" (Avviz Numru 394/09/SM) datata 6 ta' Lulju 2010) ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi.**

**Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' appellanti F. Advertising Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------